MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 457/1996/1

**Hal Mann Limited**

**v.**

**Avukat Dottor Tonio Azzopardi u martu Isabelle Azzopardi**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. B'citazzjoni pprezentata fid-9 ta' Frar 1996, is-socjeta` Hal Mann Limited ("is-socjeta` attrici") harrket lill-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u martu Isabelle ghal kull interess

li jista’ jkollha (“il-konvenuti”/”l-appellanti”) quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Din il-Qorti giet mitluba tikkundannahom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmien mija u tlieta u disghin lira u sitta u tmenin centezmu (Lm893.86c) bilanc ta’ prezz ta’ wicc ta’ bank tal-kcina tal-granit, *skirting* u materjal iehor lilhom mibjugh u kkonsenjat u dan kif jirrizulta mis-sitt fatturi li gew mehmuza ma’ l-att tac-citazzjoni.

2. Il-konvenuti kkontestaw din it-talba tas-socjeta` attrici b’nota ta’ eccezzjonijiet pprezentata minnhom fis-17 ta’ Marzu, 1997. Fost eccezzjonijiet ohra huma ressqu preliminarjament l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tat-talba attrici a tenur ta’ l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. Din id-disposizzjoni tolqot l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, benneja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara u ta’ persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghal prezz ta’ l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu, liema azzjonijiet jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq tat-tmintax-il xahar.

3. Fit-3 ta’ Novembru 1997, il-konvneuti pprezentaw nota spjegattiva li tinsab a fol. 34 tal-process. Is-socjeta` attrici rrispondiet b’nota li tinsab a fol. 36 u 37 tal-process. *Inter alia* f’din l-ahhar imsemmija nota, is-socjeta` attrici ssottomettiet li x-xoghol li jifforma l-meritu tal-prezenti kawza kien kopert bi ftehim u li ghalhekk li kieku kellu perjodu ta’ preskrizzjoni, dan kien ikun kopert bid-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 2156(f) cioe` l-preskrizzjoni kwinkwennali. Din l-ahhar imsemmija disposizzjoni tolqot l-azzonijiet ghal hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’ skond din il-ligi jew ligijiet ohra ta’ preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.

4. Fid-29 ta April 1998, l-ewwel Onorabbli Qorti tat sentenza preliminari li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, cioe` dik bazata fuq l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li *inter alia* kkunsidrat hekk:

“L-ewwelnett mix-xhieda tal-konvenut (ara fol. 30) jirrizulta li l-ammont mitlub f’din il-kawza mhux kontestat, imma l-konvenut qed izomm dan l-ammont biex ipacih (dejjem skond hu) ma’ somma akbar dovuta ghax-xoghol hazin li ghamlu l-atturi. Il-konvenut xehed hekk fuq dan l-punt:

““F’dan il-kaz ma kienx hemm difetti fl-oggetti konsenjati. Ir-raguni ghaliex ma kontx hallast kien li fuq il-kuntratt l-iehor ….. kien hemm difetti serji hafna.”

“Ghalhekk il-konvenuti ma jistghux jeccepixxu l-preskrizzjoni meta huma qed jammettu li l-ammont mitlub f’din il-kawza hu dovut u mhux kontestat.

“Imma anke kieku ma kienx hemm din l-ammissjoni, il-Qorti hi tal-fehma li, kif diga` ddecidiet fil-kawza l-ohra, *David Demarco vs Dr. T. Azzopardi et – 500/96GV*, il-preskrizzjoni applikabbli f’dan il-kaz hija ta’ hames snin skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili billi hawn si tratta ta’ appalt u mhux ta’ bejgh semplici. Inoltre kif qed isostnu l-konvenuti stess, din l-ordni u l-ordni mertu tal-kawza msemmija, huma konnessi u jiffurmaw ftehim wiehed. (ara dikjarazzjoni a fol. 25 para. 2 u xhieda tal-konvenut a fol. 31 fejn xehed li n-negozju kien f’hin wiehed).

“L-atturi pprezentaw l-azzjoni taghhom entro l-hames snin.

“Ghal din ir-raguni u ghar-raguni l-ohra fuq imsemmija l-eccezzjoni tal-konvenuti ma tistax tigi milqugha.”

5. Il-konvenuti ma talbux l-awtorizzazzjoni mill-Qorti biex jappellaw minn din is-sentenza u fil-fatt il-kawza tkompliet quddiem l-ewwel Qorti.

6. Fis-16 ta’ Novembru 1998, il-konvenuti ressqu nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri, li fiha nghad hekk:
“1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, il-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici huwa preskritt bil-preskrizzjoni ta’ sentejn skond l-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16, u ghalhekk il-kreditu pretiz mhuwiex dovut, u dan skond sentenza fl-ismijiet ‘EDGAR CAUSON NOE vs.

ABDELSALAM A. SHEIBANI NOE’, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc (per Onor. Imhallef Joseph D. Camilleri) fl-4 ta’ Dicembru 1987, u sentenza fl-ismijiet ‘CAMILLERI vs. FRENDO’ (Koll. Vol. XII p.144). Il-preskrizzjoni tal-hames snin imsemija fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili m’hijiex applikabbli.

“2. Il-fatt li l-ftehim gie redatt bil-miktub ma jfissirx li l-kuntratt ibiddel is-sustanza tieghu, u ghalhekk jibqa’ kuntratt ta’ appalt u ghandha tapplika ghalih il-preskrizzjoni msemmija fl-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.”

7. Fis-17 ta’ Novembru 1998, il-konvenuti pprezentaw nota li fiha, wara li rreferew ghal parti mix-xiehda ta’ Dottor Azzopardi, gie kjarifikat li din ix-xiehda ma kellhiex tinftiehem bhalma qalet l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha tad-29 ta’ April 1998, li kien hemm ammissjoni tal-kreditu da parti tal-konvenuti jew li huma kienu qeghdin izommu dan l-ammont biex ipacuh. Sahqu wkoll li dik ix-xiehda m’ghandhiex tigi interpretata bhala gharfien ta’ xi jedd tas-socjeta` attrici, u fl-istess nota l-konvenuti insistew li t-talbiet tas-socjeta` attrici kienu preskritti fit-termini ta’ l-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16.

8. Fis-16 ta’ Dicembru 1998, l-ewwel Onorabbli Qorti tat sentenza ohra in parte li, *inter alia*, tghid hekk:
“Illi b’sentenza taghha tad-29 ta’ April 1998, din il-Qorti kienet cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili u ddecidiet li “il-preskrizzjoni applikabbli f’dan il-kaz hija ta’ 5 snin skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili”.

“Illi fis-16 ta’ Novembru 1998, il-konvenuti pprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri fejn eccepew li l-kreditu pretiz huwa preskritt bil-preskrizzjoni ta’ sentejn skond l-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 billi l-preskrizzjoni ta’ hames snin imsemmija fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili m’hijiex applikabbli.

“Il-konvenuti ghamlu referenza ghall-kawza Causon vs Sheibani noe Kumm JDC 4/12/1987; Camilleri vs Frendo

Vol. 12p. 144;  Abdillla vs Attard Gilvau App 19.5.1995. Il-konvenuti qed jissottometti li decizjoni dwar il-preskrizzjoni ma tikkostitwix res judicata u mhjiex ostakolu biex jigi sollevat perijodu ta' preskrizzjoni divers per via d'eccezzione.

"L-atturi invece qed jissottomettu li din il-Qorti diga` ddecidiet li t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli ghal kaz in dizamina huwa ta' 5 snin u l-konvenuti messhom appellaw minn dik is-sentenza u mhux jipprezentaw eccezzjoni ulterjuri.

**"KONSIDERAZZJONIJIET**

"Illi fil-kaz kwotat ta' Abdilla vs Attard il-Qorti kienet iddecidiet li m'hemmx res judicata u setghet tinghata kwalunkwe eccezzjoni dwar preskrizzjoni billi ma giex indikat l-artikolu tal-ligi u ghalhekk gie meqjus li qiesu ma nghatat ebda eccezzjoni.  Pero` f'dan il-kaz din il-Qorti diga` ddecidiet (tajjeb jew hazin) liema perjodu ta' preskrizzjoni huwa applikabbli, u se mai, jekk il-konvenuti ma qablux ma' din id-decizjoni, messhom appellaw minn dik is-sentenza u mhux jipproponu eccezzjoni ohra u iqsar minn hames snin. Altrimenti bl-eccezzjoni ulterjuri l-konvenuti jkunu effettivament qed jitolbu li din il-Qorti tirrevedi d-decizjoni taghha tad-29 ta' April, 1998.

"Is-sentenzi l-ohra kwotati jirrigwardaw il-mertu ta' l-eccezzjoni ulterjuri u f'dan l-istadju, in vista tad-decizjoni taghha, il-Qorti ma tistax tikkonsidrahom.

**"DECIZJONI**

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra taghhom u thalli l-kawza biex il-konvenuti jaghlqu l-provi taghhom ghas-17 ta' Frar, 1999."

9.  B'digriet moghti mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-17 ta' Frar 1999, il-konvenuti nghataw permess specjali biex jappellaw mill-imsemmija decizjoni in parti tas-16 ta' Dicembru, 1998.

**II L-APPELL**

10. Effettivament il-konvenuti appellaw mill-imsemmija sentenza tas-16 ta Dicembru 1998, b'rikors ta' appell ipprezentat fit-22 ta' Frar, 1999. Ghar-ragunijiet hemm spjegati huma talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata tas-16 ta' Dicembru 1998, li biha giet michuda l-eccezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni ta' sentejn minghajr ma l-ewwel Qorti dahlet fil-mertu ta' l-imsemmi eccezzjoni u okkorrendo tirrinvija l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti biex jigi deciz il-mertu ta' l-eccezzjoni ulterjuri ta' sentejn applikabbli ghall-appalt.

11. Is-socjeta` attrici issa appellata kkontestat l-appell tramite t-trattazzjoni orali tad-difensur taghha, kif ukoll bil-prezentata A ta' nota ta' referenzi li tinsab a fol. 93 tal-process.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

12. Fir-rikors ta' l-appell taghhom il-konvenuti qeghdin jilmentaw illi l-ewwel Qorti naqset li tiddistingwi bejn il-parti dispositiva tas-sentenza tad-29 ta' April 1988, u l-parti precedenti taghha fejn hemm il-kummenti "obiter" taghha. L-appellat, fi kliemu stess, jghid hekk:

"Illi naturalment kull kumment li jinghad 'obiter' m'huwiex vinkolanti. Huwa vinkolanti biss dak li jintqal fil-parti dispositiva tas-sentenza. Ghalhekk, l-ewwel Onorabbli Qorti ma kenitx marbuta b'dak li kienet ikkummentat 'obiter'. Dak il-hin hija kellha quddiemha biss eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar. Il-bqija kien 'obiter'. Ghalhekk, ma kenitx korretta l-ewwel Onorabbli Qorti meta fis-sentenza appellata tas-16 ta' Dicembru 1998 qalet:

*"din il-Qorti diga` ddecidiet (tajjeb jew hazin) liema perijodu ta' preskrizzjoni huwa applikabbli …"*

"Huwa evidenti li l-ewwel Qorti ddecidiet biss billi cahdet l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar, u xejn aktar. Fuq dan biss tezisti 'res judicata'. Il-bqija huwa

'obiter' u ma kienx hemm ghalfejn isir appell fuq kumment li jkun intqal 'obiter', proprju ghaliex mhuwiex vinkolanti.

"Jidher car ghalhekk illi d-decizjoni tad-29 ta' April 1998, dwar il-preskrizzjoni ta' 18-il xahar ma tostax it-tqanqil tal-preskrizzjoni ta' sentejn jew xi preskrizzjoni ohra (ara sentenza citata **"Abdilla vs. Attard Glivau"**), u ghalhekk is-sentenza tat-16 ta' Dicembru 1998, mhijiex legalment korretta."

13. Jekk wiehed jezamina s-sentenza appellata, wiehed mill-ewwel jintebah li ghalkemm l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni ulterjuri cioe` dik bazata fuq l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili, madankollu meta waslet ghal din id-decizjoni l-ewwel Qorti ma investigatx u ma ddecidietx il-meritu proprju ta' din l-eccezzjoni. Minflok ma ghamlet hekk, l-ewwel Qorti ddecidiet li tichad din l-eccezzjoni ghaliex irriteniet li din l-eccezzjoni tas-sentejn ma kenitx proponibbli mill-konvenuti ladarba fis-sentenza preliminari taghha tat-28 ta' April 1998, hija kienet cahdet l-eccezzjoni tat-tmintax-il xahar bazata fuq l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili izda kienet ikkummentat li l-preskrizzjoni applikabbli ghall-kaz kienet dik ta' hames snin skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili "billi hawn si tratta ta' appalt u mhux ta' bejgh semplici[1]". L-ewwel Qorti osservat li jekk il-konvenuti ma kenux jaqblu ma' dik id-decizjoni, huma messhom appellaw minnha u mhux jipproponu eccezzjoni iqsar minn hames snin. Ziedet tghid ukoll l-ewwel Qorti li altrimenti b'din l-eccezzjoni ulterjuri l-konvenuti jkunu effettivament qeghdin jitolbu li l-ewwel Qorti tirrevedi d-decizjoni taghha tad-29 ta' April, 1998. U billi s-sentenzi l-ohra kwotati mill-konvenuti kienu jirrigwardaw il-meritu ta' l-eccezzjoniji ulterjuri, in vista tad-decizjoni li kienet waslet ghaliha, il-Qorti rrimarkat li dawn is-sentenzi ma tinstax tikkonsidrahom.

14. L-appellanti qeghdin isostnu li l-ewwel Qorti tat decizjoni skorretta dwar l-eccezzjoni ulterjuri taghhom

[1] Jigi nnutat li f'din is-sentenza tas-16 ta' Dicembru 1998 l-ewwel Qorti ma ghamlet ebda referenza ghall-kumment taghha, minnha maghmul fis-sentenza tad-29 ta' April 1998, li "…il-konvenuti ma jistghux jeccepixxu l-preskrizzjoni meta huma qed jammettu li l-ammont mitlub f'dina l-kawza hu dovut u mhux kontestat."

ghaliex naqset li taghmel d-distinzjoni legali bejn il-parti dispositiva tas-sentenza u l-parti precedenti taghha fejn jitnizzlu l-motivazzjonijiet.

15. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dan l-aggravju huwa gustifikat. L-Artikolu 218 ta' Kodici u Organizzazzjoni u Procedura Civili *inter alia* jipprovdi li fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha. Ghandu jigi enfasizzat pero` li l-artikolu sussegwenti cioe` 219 jiddisponi li:
"Kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid tkun deciziva jew obbligatorja, ghandha tigi mdahhla fid-dispozittiv."

16. Din l-ahhar imsemmija disposizzjoni tal-ligi tal-procedura taghna tistabilixxi l-principju importanti li l-gudikat johrog mid-dispositiv tas-sentenza. Il-motivazzjoni hija parti essenzjali wkoll tas-sentenza izda minnha ma johrogx il-gudikat. Il-motivazzjoni kontenuta fis-sentenza tiddefenixxi u tispjega d-dispositiv, pero` d-dispositiv li jikkreja l-gudikat. Din il-Qorti qalet hekk fis-sentenza fl-ismijiet **"Salvatore Micallef v. Filippu sive Pinu Borg"**, liema sentenza nghatat fit-23 ta' Mejju 1947, u tinsab riportata fil-Kollezzjoni Volum XXXIII Part 1 pagna 114 a fol. 116:
"Huwa maghruf li d-decizjoni tikkonsisti fid-dispositiv tas-sentenza u mhux fil-motivi ripremessi, li huma biss il-parti razzjonali, imqeghdin biex ifissru d-dispositiv (ara sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Novembru 1924 in re "Ciancio v. Pace Axiak" Kollezz. Volum. XXIV-I-1078")."

17. Applikat dan l-insenjament ghall-kaz odjern, ghandu jinghad li s-sentenza in parte ta' l-ewwel Qorti tad-29 ta' April 1998, ma tinkludix fid-dispositiv dikjarazzjoni li l-preskrizzjoni applikabbli fil-kaz odjern kienet dik ta' hames snin skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Dan il-kumment sar fil-parti fejn l-ewwel Qorti kienet qed tispjega l-motivazzjonijiet taghha ghaliex kienet qeghda tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar abbazi ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. Infatti d-dispositiv ta' din is-sentenza jaqra hekk:

“Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti; spejjez ghall-konvenuti; u tiddeferixxi l-kawza ghall-provi ta’ l-attur fuq il-meritu ghall-5 ta’ Gunju 1988, fl-10.15 a.m.”

18. Minn dak li ntqal sa issa jsegwi u johrog car li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fid-29 ta’ April 1998, hija deciziva u vinkolanti ma’ l-ewwel Qorti biss in kwantu din iddecidiet li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. Invece, il-kumment maghmul mill-ewwel Qorti kontenuta fil-korp tas-sentenza u cioe` li l-preskrizzjoni applikabbli ghal dan il-kaz kienet dik ta’ hames snin skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili billi hawn si tratta ta’ appalt u mhux ta’ bejgh semplici, ma huwiex kumment deciziv jew obbligatorju u vinkolanti fuq l-istess Qorti li ghamlitu, in kwantu dik il-Qorti ma inkorporatux f’dikjarazzjoni li giet imdahhla fid-dispositiv ta’ l-istess sentenza. Ghalhekk il-konvenuti setghu, fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti jipproponu eccezzjoni ohra u iqsar minn hames snin quddiem l-ewwel Qorti, kuntrarjament ghal dak li ddecidiet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Kien allura l-kompitu ta’ l-ewwel Qorti li tidhol fil-meritu ta’ din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2149(a), cioe` l-preskrizzjoni tas-sentejn u mhux tichad din l-eccezzjoni semplicement fuq il-motiv li din l-eccezzjoni ma kenitx proponibbli mill-konvenuti ghaliex biha l-konvenuti “jkunu effettivament qed jitolbu lil din il-Qorti tirrevedi d-decizjoni taghha tad-29 ta’ April, 1998” kif irriteniet is-sentenza appellata.

19. Naturalment din il-Qorti tifhem li gudikant li jkun diga` esprima opinjoni b’sentenza, anke jekk din l-opinjoni ma tkunx strettament vinkolanti ghaliex ma tkunx giet inkorporata fid-disposittiv tas-sentenza, dan il-gudikant jista’ jhossu skomdu tassew li “jirrevedi” l-istess opinjoni precedenti li jkun ta, u dan ghaliex ikun qed ihoss li ma jistax jaffronta s-sitwazzjoni b’mod kompletament miftuh u b’imparzjalita` totali. Huwa ghalhekk rakkomandabbli li meta Qorti ta’ prim istanza tkun qed tiddeciedi eccezzjoni ta’ preskrizzjoni <u>partikolari</u>, hija ma tippronunzjax ruhha, sa fejn hu possibbli, dwar liema preskrizzjoni <u>ohra</u> tkun applikabbli, jew ghall-anqas tindika dik il-preskrizzjoni <u>l-</u>

ohra f'termini li juru bic-car li hija ma tkun b'ebda mod qed tintrabat ma' dik il-preskrizzjoni l-ohra u li tkun qed thalli l-kwistjoni interament impregudikata ta' liema preskrizzjoni ohra tkun applikabbli. Jekk dan ma jkunx possibbli – bizzejjed tigi senjalata l-ipotesi li l-attur, b'risposta ghall-eccezzjoni partikolari jkun specifikatament issenjala preskrizzjoni partikolari itwal – allura din il-preskrizzjoni partikolari itwal ghandha tigi inkorporata b'mod car fid-dispozittiv. F'dan il-kaz, tidher haga evidenti ghal din il-Qorti li l-imsemmi gudikant ghandu jastjeni milli jkompli joqghod fil-kawza, biex b'hekk ikun hemm lok li jigi sostitwit b'gudikant iehor u biex b'hekk jigi assigurat li l-Qorti tkun tista' taghti smigh imparzjali fuq dik il-vertenza li jkollha quddiemha.

20. Ghaldaqstant, kif sewwa ssottomettew il-konvenuti, id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti tat-28 ta' Jannar 1998, ma kenitx ta' impediment ghat-tqanqil ta' l-eccezzjoni ulterjuri moghtija mill-konvenuti, cioe` dik tas-sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili, u li ghalhekk l-ewwel Qorti ma kenitx legalment korretta meta hija cahdet l-istess eccezzjoni minghajr ma dahlet fil-meritu taghha bid-decizjoni appellata cioe` dik tas-16 ta' Dicembru, 1998.

21. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata tas-16 ta' Dicembru 1998, u tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti biex jigi deciz il-meritu ta' l-eccezzjoni ulterjuri tas-sentejn u biex b'hekk il-kawza titkompla tinstema' skond il-ligi.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez taz-zewg istanzi konnessi ma' dan l-incident li ta lok ghas-sentenza appellata tas-16 ta' Dicembru 1998, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------